MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1939/1998/1

**Motherwell Bridge (Malta) Limited**

**vs**

**Petroil Engineering Company Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi l-kumpanija attrici hija kreditrici tal-kumpanija konvenuta fis-somma ta' sitta u hamsin elf, mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm56,228.75) dovuta bhala bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' xoghol kuntrattwali maghmula f'Delimara Power Station Phase IIB fuq inkarigu ta' l-istess kumpanija konvenuta (Dok A);

Illi l-kumpanija konvenuta, ghalkemm interpellata biex thallas, anki permezz ta' ittra ufficcjali datata 3 ta' Lulju 1998, baqghet inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-kumpanija attrici, il-kumpanija konvenuta m'ghandhiex eccezzjonjiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont, u l-kumpanija attrici qieghda tannetti affidavit immarkat Dok. B a tenur ta' l-istess Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. tikkundanna lill-kumpanija konvenuta thallas is-somma ta' sitta u hamsin elf, mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm56,228.75) dovuta bhala bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' xoghol kuntrattwali maghmula f'Delimara Power Station Phase IIB fuq inkarigu ta' l-istess kumpanija konvenuta;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali datat 3 ta' Lulju 1998, u tal-mandat ta' sekwestru numr 3254/98, u bl-imghax legali mid-data tax-xoghlijiet sal-pagament effettiv kontra l-kumpanija konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit :-

1. Illi l-kawza odjerna hija intempestiva u ghal kollox vessatorja, u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda u l-attur ghandu jbati l-ispejjez kollha tal-kawza odjerna;

2. Illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut stante illi s-socjeta' attrici, bhala s-sub-appaltattrici tas-socjeta' konvenuta ghandha ma ffinalizzatx is-sub-appalt lilha moghti billi naqset milli tikkonsenja l-Manufacturing Data Books lis-socjeta' konvenuta - liema konsenja tifforma parti integrali mill-iskop tas-sub-appalt moghti lis-socjeta' attrici;

3. Illi dana l-agir abbuziv u illegali da parti tas-socjeta' attrici fir-rifjut taghha milli tikkonsenja l-Manufacturing Data Books fuq riferiti qieghda tikkawza danni lis-socjeta' konvenuta billi s-socjeta' Stork Ketels b.v. illi da parti taghha kienet tat ix-xoghol lis-socjeta' konvenuta qieghda zzomm milli thallas lill-istess socjeta' konvenuta l-ghoxrin fil-mija (20%) Retention skond il-kuntratt ezistenti bejn l-istess Stork Ketels b.v. u s-socjeta' konvenuta u dana f'ammont ekwivalenti ghal hamsa u tmenin elf u seba' mitt Lira Maltija (Lm85,700) - u ghalhekk ukoll is-socjeta' konvenuta qieghda tirriserva kull dritt lilha spettanti skond il-ligi sabiex tagixxi ghad-danni fil-konfront tas-socjeta' attrici;

4. Illi f'kull kaz, u minghajr l-ebda pregudizzju ghal fuq eccepit, l-ammont mitlub ghandu jigi ridott minn dina l-Onorabbli Qorti stante illi s-socjeta' attrici inkorriet zewg penalitajiet, u cioe' penali ta' elf, sitt mija u disa' u erbghin Lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm1,649.65) in konnessjoni mal-konsenja tardiva ta' dokumentazzjoni rikjest mill-kuntratt ta' bejn il-kontendenti - skond Debit Note tas-socjeta' konvenuta datata 6 ta' Ottubru 1998 (Dokument "A"), kif ukoll penali ohra ta' hmistax-il elf, tliet

mija u tmienja u tletin Lira Maltija u erba' u tmenin centezmu (Lm15,338.84) u dana in konnessjoni mal-konsenja tardiva ta' diversi oggetti manufatturati - skond Debit Note iehor tas-socjeta' konvenuta datata s-7 ta' Ottubru 1998 (Dokument "B);

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' frar 1999 minn fejn jirrizulta li s-socjeta attrici ddikjarat li kienet lesta li tikkonsenja il-Manufacturing Data Books lis-socjeta konvenuta minghajr kondizzjoni. Jirrizulta mill-istess verbal li in vista tal-imsmmija dikjarazzjoni l-partijiet qabblu li s-socjeta konvenuta setghet tircievi l-istess dokumenti minghajr pregudizzju;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' April 1999 minn fejn jirrizulta li s-socjeta attrici ddikjarat li l-Manufacturing Data Books gew ikkonsenjati lis-socjeta konvenuta fl-1 ta' Frar 1999;

Rat in-nota tas-socjeta attrici tad-19 ta' Ottubru 2000 li biha t-talba giet ridotta ghas-somma ta' ghaxart elef tlett mija u wiehednu sebghin liri maltin u disa centezmi (Lm10371.09)stante pagamenti akkont li saru fil-mori tal-kawza oltre tnaqqis tas-somma ta' sitt elef hames mija u sitta u sebghin liri maltin u disghin centezmu (Lm6576.90) rappresentanti penali ammessi;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2000;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' sitta u hamsin elf, mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm56,228.75) bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti l-prezz ta' xoghol kontrattwali maghmul f'Delimara Power Station Phase IIB fuq inkarigu ta' l-istess socjeta konvenuta;

Da parti taghha s-socjeta' konvenuta qed teccepixxi li din il-kawza hi intempestiva u vessatorja. Is-socjeta konvenuta ssostni li l-ammont mitlub mhux dovut stante illi s-socjeta' attrici, li nghatat sub-appalt mis-socjeta konvenuta, ghadha ma ffinalizzatx is-sub-appalt u dana billi naqset milli tikkonsenja l-Manufacturing Data Books lis-socjeta' konvenuta. Finalment is-socjeta konvenuta eccepit li fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub ghandu jigi ridott peress li s-socjeta attrici inkorriet f'zewg penalitajiet, rigwardanti l-konsenja tardiva ta' dokumentazzjoni imsemmija u ta' diversi oggetti manifatturati;

Mill-verbal tas-seduta tat-8 ta' April 1999 jirrizulta li s-socjeta attrici ikkonsenjat lis-socjeta konvenuta l-imsemmija Manufacturing Data Books fl-1 ta' Frar 1999 u cioe' fil-mori ta' din il-kawza;

Jirrizulta inoltre li t-talba attrici giet ridotta ghas-somma ta' ghaxart elef tlett mija u wiehed u sebghin liri maltin u disa centezmi (Lm10371.09) u dana in vista li saru pagamenti akkont fil-mori tal-kawza u in vista tal-fatt li s-socjeta attrici qed tammetti li ghandha thallas penalitajiet lis-socjeta konvenuta fis-somma ta' sitt elef hames mija u sitta u sebghin liri maltin u disghin centezmu (Lm6576.90). Ghar-rigward ta' dawn il-penalitajiet is-socjeta konvenuta ssostni li s-socjeta attrici nkorriet zewg penalitajiet, u cioe' penali ta' elf, sitt mija u disa' u erbghin Lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm1,649.65) in konnessjoni mal-konsenja tardiva tal-imsemmija dokumentazzjoni u

penali ohra ta' hmistax-il elf, tliet mija u tmienja u tletin Lira Maltija u erba' u tmenin centezmu (Lm15,338.84) in konnessjoni mal-konsenja tardiva ta' diversi oggetti manifatturati;

Mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta attrici kienet inghatat sub-appalt mis-socjeta konvenut ghar-rigward ta’ xogholijiet li kellhom isiru fil-Power Station ta' Dellimara. Dawn ix-xogholijiet kienu jikkonsistu fil-bini ta' strutturi u kien hemm seba' (7) kuntratti, jew ahjar seba' (7) purchase orders. Ghar-rigward tal-pagamenti lis-socjeta attrici l-ftehim kien li disghin fil-mija ta' dak li kien fatturat kellu jithallas fi zmien sittin (60) gurnata wara li jinhareg ic-certifikat;

Jirrizulta ukoll li x-xoghol kollu esegwit mis-socjeta attrici kien ghas-sodisfazzjon tas-socjeta konvenuta u in effett jirrizulta li x-xogholijiet kollha gew certifikati mis-socjeta konvenuta. Inoltre jirrizulta ukoll li x-xoghol kollu sar ghas-sodizfazzjoni tas-socjeta estera li tat l-appalt lis-socjeta konvenuta. Ghalhekk il-kontestazzjoni li hemm bejn il-partijiet tirrigwarda l-ammont tal-penalitajiet li ghandhom jithallsu mis-socjeta attrici. Kif gia gie rilevat is-socjeta konvenuta ssostni li s-socjeta attrici ghandha thallas zewg penalitajiet wahda fis-somma ta’ elf, sitt mija u disa' u erbghin Lira Maltija u hamsa u sittin centezmu (Lm1,649.65) u l-ohra fis-somma ta’ hmistax-il elf, tliet mija u tmienja u tletin Lira Maltija u erba' u tmenin centezmu (Lm15,338.84). Da parti taghha s-socjeta attrici dwar l-imsemmija l-ewwel penali tghid li qatt ma gie miftiehem li kellu ikun hemm penali ghar-rigward ta’ konsenja tardiva tad-dokumentazzjoni mgharufa bhala Manufacturing Data Books. Dwar it-tieni penali s-socjeta attrici tammetti li ghandha thallas penali ghar-rigward tal-konsenja tardiva tal-istrutturi in kwestjoni pero’ dana f’ammont ferm anqas minn dak pretiz mis-socjeta konvenuta u cioe biss fl-ammont ta’ sitt elef hames mija u sitta u sebghin liri maltin u disghin centezmu (Lm6576.90);

In effett jirrizulta li sa Lulju 1997 is-socjeta' konvenuta kienet qed thallas regolarment, pero' wara din id-data waqfet li thallas u ghamlet pagamenti ulterjuri akkont biss fil-mori ta' din il-kawza. Dan jindika li l-pagamenti ma kienux marbghutin mal-konsenja tad-dokumentazzjoni mgharufa bhala Manufacturing Data Books. Huwa minnu li din id-dokumentazzjoni giet konsenjata mis-socjeta attrici tardivament, pero' ma giex ipprovat li l-partijiet ftehemu li kienet dovuta xi penali ghar-rigward tal-konsenja tal-imsemmija dokumentazzjoni. Inoltre jirrizulta li s-socjeta konvenuta kienet gia spezzjonat dawn id-dokumenti meta kienu ghand is-socjeta attrici. Sussegwentement is-socjeta estera li tat l-appalt lis-socjeta konvenuta bidet titlob li d-dokumentazzjoni tintbghat ghandha barra minn Malta. Kien hawn li nqala d-disgwid bejn il-partijiet. F'dan ir-rigward ma jistax jigi eskluz li s-socjeta konvenuta approfittat minn din is-sitwazzjoni sabiex tiddardja kemm jista jkun il-pagamenti dovuti lis-socjeta attrici;

In vista tal-premess ma jirrizultax sufficjentement li s-socjeta attrici ghandha thallas penali ghar-rigward tal-konsenja tardiva tal-imsemmija Manufacturing Data Books;

Lanqas ma jirrizulta li s-socjeta attrici ghandha thallas penali ta' aktar minn dak li hi stess ammettiet ghar-rigward tal-konsenja tardiva ta' uhud mill-istrutturi in kwestjoni. F'dan ir-rigward is-socjeta attrici ssostni li s-socjeta konvenuta bbazat fuq dak li kien gie miftiehem originarjament ghar-rigward tad-dati meta kellhom isiru l-konsenji;

Is-socjeta attrici ssostni li dawn it-termini gew estizi sussegwentement bi qbil mas-socjeta konvenuta. In effett direttur tas-socjeta konvenuta ammetta li d-dati li fihom l-istrutturi kellhom jigu konsenjati gew estizi u dana skond huwa xi darbtejn jew tlett darbiet. L-istess direttur qal li dawn l-estenzjonijiet saru ghar-ragunijiet validi

principalment ghaliex is-socjeta estera li kienet tat l-appalt kienet damet fil-konsenja ta’ xi materja prima;

Il-Qorti esaminat id-dokumentazzjoni kollha li giet prodotta mill-partijiet f’dan ir-rigward u ma jistax jinghad li jirrizulta sufficjentement li s-socjeta attrici ghandha thallas penali f’dan ir-rigward f’somma akbar minn dik li s-socjeta attrici ammettiet;

Finalment ghandu jinghad li s-socjeta attrici giet biss infurmata bil-pretensjonijiet tas-socjeta konvenuta ghar-rigward tal-imsemmija penalitajiet biss wara li bdew dawn il-proceduri;

In vista ta’ dan kollu t-talbiet attrici kif ridotti jirrizultaw suficjentement pruvati u ghahekk gfhandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici kif ridotti u b’hekk tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' ghaxart elef tlett mija u wiehed u sebghin liri maltin u disa centezmi (Lm10371.09) bilanc ta’ somma akbar rapprezentanti prezz ta' xoghol kuntrattwali maghmula f'Delimara Power Station Phase IIB fuq inkarigu ta' l-istess socjeta konvenuta u dana bl-imghaxxijiet kollha legali;

Spejjez kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------